IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.8.2017
COM(2017) 420 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-fattibbiltà ta' strument finanzjarju li jiffaċilita r-riċiklaġġ sikur u adegwat

I. INTRODUZZJONI

Kull sena, mijiet ta' bastimenti kbar jinbiegħu biex jiżżarmaw fuq ix-xtut bil-marea fix-xlokk tal-Asja[1]. L-impatti negattivi ta' din il-prattika fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem ġew iddokumentati b'mod estensiv[2]. Diffikultajiet fl-infurzar tal-Konvenzjoni ta' Basilea[3] fir-rigward tal-bastimenti, kif ukoll il-projbizzjoni Ewropea fuq l-esportazzjonijiet ta' skart perikoluż barra l-OECD[4], wasslu għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong u tar-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti fl-2009[5] u fl-2013[6] rispettivament. Bil-possibbiltà offruta mill-Artikolu 1(2) tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong, ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti jistabbilixxi rekwiżiti aktar stretti minn dawk tal-Konvenzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tas-saħħa, tas-sigurtà u tal-ambjent.

L-Artikolu 29 ("Inċentiv finanzjarju") tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti[7] jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta "dwar il-fattibbiltà ta' strument finanzjarju li jiffaċilita r-riċiklaġġ sikur u adegwat u, jekk xieraq, takkumpanja r-rapport bi proposta leġiżlattiva". Dan ir-rapport huwa ppreżentat biex jikkonforma ma' dan l-obbligu ta' rapportar. Huwa l-ewwel jiddeskrivi fil-qosor l-approċċ regolatorju attwali għall-kwistjonijiet li jirriżultaw mir-riċiklaġġ tal-bastimenti (I). Imbagħad jippreżenta l-istat attwali tar-riċerka dwar il-fattibbiltà ta' inċentiv finanzjarju għar-riċiklaġġ sikur u adegwat (II), billi jintroduċi kunċett ġdid, il-*Liċenzja ta' Riċiklaġġ tal-Bastimenti* (III). Ir-rapport jinkludi wkoll sommarju tar-reazzjonijiet tal-partijiet interessati (IV) u jispiċċa b'konklużjoni (V).

Ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti jintroduċi sekwenza ċara ta' strumenti. L-istrument ewlieni, bi skeda ta' żmien għall-istabbiliment u b'sett ta' obbligi relatati deskritti b'mod espliċitu fit-test tar-Regolament, huwa fil-*Lista Ewropea tal-faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-bastimenti*. Minn data li taqa' l-aktar tard fil-31 ta' Diċembru 2018, bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE jistgħu jiġu riċiklati biss f'faċilitajiet elenkati. L-ewwel lista ta' 18-il faċilità

[1] NGO Shipbreaking Platform, List of all ships scrapped worldwide in 2016, http://www.shipbreakingplatform.org/shipbrea_wp2011/wp-content/uploads/2017/02/Stats-Graphs_2016-List_FINAL1.pdf

[2] Ara b'mod partikolari "Science for Environment Policy", Issue 55, June 2016, http://ec.europa.eu/environment/integration/research/newsalert/pdf/ship_recycling_reducing_human_and_environmental_impacts_55si_en.pdf

[3] Il-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti Transkonfinali ta' Materjali Perikoluži u r-Rimi tagħhom kienet adottata fit-22 ta' Marzu 1989; http://www.basel.int/theconvention/overview/tabid/1271/default.aspx

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1454069470717&uri=CELEX:02006R1013-20160101

[5] Il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Ħong Kong dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li jkun Sikur u li Jħares l-Ambjent. Biex tidħol fis-seħħ, il-Konvenzjoni ta' Ħong Kong teħtieġ ratifika minn 15-il Stat li jirrappreżentaw mhux inqas minn 40 % tat-tunnellaġġ tal-flotta dinjija u volum tar-riċiklaġġ tal-bastimenti annwali massimu kkombinat ta' mhux inqas minn 3 % tat-tunnellaġġ tal-flotta tal-istati ratifikanti. Minn Frar 2017, il-Konvenzjoni ta' Ħong Kong kienet għad trid tidħol fis-seħħ, wara li kienet ġiet ratifikata minn ħames pajjiżi, inklużi l-Istati Membri tal-UE ta' Franza u l-Belġju u l-ebda stat ewlieni ta' riċiklaġġ tal-bastimenti http://www.imo.org/en/About/conventions/listofconventions/pages/the-hong-kong-international-convention-for-the-safe-and-environmentally-sound-recycling-of-ships.aspx

[6] Ir-Regolament jiffoka b'mod speċifiku fuq il-bastimenti kummerċjali kollha fl-ilmijiet tal-UE u fuq il-bastimenti li jtajru l-bnadar ta' Stati Membri tal-Unjoni. Ir-Regolament mhux biss jirrifletti rekwiżiti tal-Konvenzjoni ta' Ħong Kong, imma jżid ukoll rekwiżiti ambjentali u tas-sikurezza aktar stretti, kif awtorizzat bl-Artikolu 1(2) tal-Konvenzjoni ta' Ħong Kong.

[7] "Ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti" - Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar vjeġġi ta' skart; http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32013R1257

konformi li jinsabu fl-UE ġiet ippubblikat f'Diċembru 2016[8]. Faċilitajiet addizzjonali li jinsabu barra l-UE jistgħu jiżdiedu mal-Lista mill-2017[9]. Minħabba li hija mirfuda minn valutazzjonijiet u minn spezzjonijiet fuq il-post indipendentement minn interessi kummerċjali, il-Lista Ewropea toħloq valur miżjud uniku ta' reputazzjoni għas-settur. Ir-riċiklaturi tal-bastimenti jistgħu jiksbu aċċess esklużiv għar-riċiklaġġ ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE talli jilħqu standards ta' prestazzjoni għolja. Bl-istess mod, is-sidien tal-bastimenti jistgħu jsaħħu l-kredenzjali tagħhom fil-qasam tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u jillimitaw ir-responsabbiltà tagħhom relatata ma' riċiklaġġ inferjuri billi jżarmaw il-bastimenti tagħhom f'faċilitajiet fuq il-Lista. Barra minn hekk, il-Lista Ewropea, billi hija l-uniku strument ta' dan it-tip, tista' tipprovdi inċentiv għal titjib li jmur lil hinn mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE, u dan jista' jikkontribwixxi sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fil-livell internazzjonali.

Fl-Artikolu 29 tiegħu u fil-Premessa 19, ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti jalludi għal strument ieħor potenzjali ta' natura finanzjarja bħala miżura ta' kontinġenza kontra r-riskji possibbli ta' evażjoni tal-Lista Ewropea[10]. L-evażjoni tkun tikkonsisti f'bastimenti li jibdlu l-bandiera għal waħda mhux tal-UE biex jiffaċilitaw iż-żarmar f'tarzna li mhix inkluża fil-Lista Ewropea. Il-massimizzazzjoni tal-profitti tinsab fil-qalba ta' dan ir-riskju: is-suq għar-riċiklaġġ tal-bastimenti kien immirat minn tarzni ta' standard inferjuri li jistgħu joffru prezzijiet aħjar għal bastimenti li m'għadhomx jintużaw minħabba kostijiet lavorattivi baxxi, livell għoli ta' saħħa, esternalitajiet ambjentali u ta' sikurezza, nuqqas ta' investiment f'makkinarju u minħabba kapaċità ftit li xejn għall-immaniġġjar tal-iskart perikoluż. Ir-riżultat, kif ġie osservat, huwa li "il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas" ġeneralment mhuwiex applikat fir-riċiklaġġ tal-bastimenti[11]. Inċentiv finanzjarju għandu jimmira li jxejjen id-diskrepanza fil-profitti bejn iż-żarmar f'tarzni ta' standard inferjuri u ż-żarmar fit-tarzni elenkati fil-Lista Ewropea.

Il-Komunikazzjoni tal-2008 pproponiet Strateġija tal-UE għaż-żarmar aħjar tal-bastimenti[12] u l-Valutazzjoni tal-Impatt tal-2012[13] it-tnejn kienu antiċipaw l-approċċ f'diversi stadji rifless f'dan ir-Regolament.

---

[8] http://ec.europa.eu/environment/waste/ships/pdf/list_ship_recycling_facilities.pdf

[9] Il-Kummissjoni attwalment qed teżamina 22 applikazzjoni għall-inklużjoni fil-Lista li waslu minn faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu fiċ-Ċina, fl-Indja, fit-Turkija u fl-Istati Uniti tal-Amerika.

[10] L-Artikolu 29 fih l-obbligu ta' rappurtar; il-Premessa 19 tidħol f'aktar dettall, u tissottolinja l-approċċ li huwa newtrali għall-bandiera u ffokat fuq is-sid tal-bastiment, tal-inċentiv potenzjali.

[11] Ara wkoll studjus ta' Milieu&COWI, "Study in relation to options for new initiatives regarding dismantling of ships – Note on the ship dismantling fund, Pros and cons of the three options", p. 17, Awwissu 2009 http://ec.europa.eu/environment/waste/ships/pdf/fund_note.pdf

[12] Komunikazzjoni COM(2008) 767 finali tad-19 ta' Novembru 2008 li tippreżenta "Strateġija tal-UE għal żarmar aħjar tal-bastimenti", u l-valutazzjoni tal-impatt fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SEC(2008) 2846: jekk jirriżulta li r-reazzjonijiet mill-parteċipanti tas-suq ma jwasslux għar-riżultat mixtieq, għandha terġa' tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' sistema ta' finanzjament li timplimenta l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"

[13] Il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta għal Regolament dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti (SWD(2012) 47 final), http://ec.europa.eu/environment/waste/ships/pdf/Impact%20Assessment.pdf Jekk il-problemi tal-konformità jippersistu, tista' tittieħed azzjoni ulterjuri fil-livell tal-UE bħat-twaqqif ta' fond għaż-żarmar tal-bastimenti tal-UE.

II. L-ISTAT ATTWALI TAR-RIĊERKA DWAR STRUMENT FINANZJARJU POTENZJALI

Strument finanzjarju diġà tqies fil-perjodu ta' qabel l-adozzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ħong Kong. Studju tal-2005[14] sejjaħ għal Fond ta' Riċiklaġġ tal-Bastimenti bil-karigu tal-ġbir tal-miżati u l-iżburżar tal-fondi għall-iskrappjar li jirrispetta l-ambjent. Dan ikkunsidra wkoll l-istabbiliment ta' assigurazzjoni tal-ħajja obbligatorja li tkopri l-ispejjeż ta' riċiklaġġ nadif. B'approċċ differenti, il-Konvenzjoni ta' Ħong Kong fiha klawżola ta' "finanzjament" fl-Artikolu tagħha rigward il-kooperazzjoni teknika, abbażi ta' kontributi volontarji. Il-klawżola ma ssemmix il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Barra l-UE, fl-2013 iċ-Ċina introduċiet skema ta' finanzjament konġunt għall-bini u r-riċiklaġġ ta' bastimenti li jtajru l-bandiera taċ-Ċina; l-iskema ġiet imġedda fl-2016.

F'Diċembru 2014, il-Kummissjoni kkumissjonat studju bħala mezz ta' tagħrif għal dan ir-rapport. L-istudju kellu jibni fuq l-istudji preċedenti[15] u jindirizza l-lakuni fir-riċerka, inkluż dwar il-mezzi finanzjarji li jridu jiġu ġġenerati u żborżati, l-effetti fuq il-kompetizzjoni, il-piż amministrattiv u l-implikazzjonijiet legali rigward pereżempju r-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u tal-UE. Barra minn hekk, l-istudju kellu l-għan ta' mezz ta' tagħrif għat-tfassil ta' strument operazzjonali li jiffaċilita r-riċiklaġġ tal-bastimenti li jkun sikur u li jħares l-ambjent.

L-istudju kien iffinalizzat f'Ġunju 2016[16]. Dan skarta diversi possibbiltajiet li kienu ġew eżaminati fi studji preċedenti għar-raġunijiet li ġejjin:

Kategorija ta' possibbiltà	Possibbiltà	Nuqqasijiet ewlenin
(Strumenti mhux finanzjarji)	*(miżuri mhux finanzjarji, pereżempju l-penali fuq is-sid ta' qabel tal-aħħar)*	*(Faċli biex wieħed jevitahom jew jistimolaw aktar l-imġiba tal-evażjoni, u/jew nuqqas ta' mekkaniżmu xieraq ta' infurzar.)*
Strumenti li jobbligaw lis-sidien tal-bastimenti biex jiġbru l-kapital meħtieġ permezz ta' mekkaniżmu amministrat privatament li jkun imwaħħal ma' bastiment uniku	Garanzija tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti	Diffiċli biex tiġi ttrasferitia fil-każ ta' bidla fis-sjieda; sproporzjonata għall-bastimenti bi frekwenza baxxa ta' waqfiet f'portijiet tal-UE.
	Kont tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti	Diffiċli biex jiġi ttrasferit fil-każ ta' bidla fis-sjieda; sproporzjonat għall-bastimenti bi frekwenza baxxa ta' waqfiet f'portijiet tal-UE.
	Assigurazzjoni tar-Riċiklaġġ tal-	Nuqqas ta' "oġġett assigurat" minħabba n-nuqqas ta' avveniment imprevist, għajr it-telf

[14] The Ship Recycling Fund – Financing environmentally sound scrapping and recycling of sea-going ships, Ecorys (2005) http://www.shipbreakingplatform.org/shipbrea_wp2011/wp-content/uploads/2011/11/ECORYS-survey-on-a-ship-recycling-fund.pdf

[15] Ara b'mod partikolari l-istudji Ecorys 2005 għall-Greenpeace, COWI/Milieu 2009 għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni, Profundo 2013 *Financial mechanisms to ensure responsible ship recycling*, Milieu 2013 għall-Parlament Ewropew. Ta' min wieħed jinnota li l-istudji li jeżistu – ħlief għall-istudju tal-2016 li sar bħala mezz ta' tagħrif għar-rapport preżenti – kollha saru qabel l-adozzjoni tar-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti fil-forma finali tiegħu.

[16] Ecorys, DNV-GL, Erasmus School of Law, *Financial instrument to facilitate safe and sound ship recycling, June 2016*. http://ec.europa.eu/environment/waste/ships/pdf/financial_instrument_ship_recycling.pdf

Kategorija ta' possibbiltà	Possibbiltà	Nuqqasijiet ewlenin
	Bastimenti	tal-bastiment minħabba aċċident. Mhux fattibbli bħala strument separat.
Strumenti li jobbligaw lis-sidien tal-bastimenti biex jikkontribwixxu għal sistema pubblika (fond) bbażati fuq pagamenti li jridu jsiru meta jkun hemm aċċess għal portijiet tal-UE.	Imposta tal-port	Piż amministrattiv għoli għall-portijiet; potenzjalment mhux konformi mad-WTO; possibbilment jitqies bħala taxxa li ma taqax fl-ambitu tal-kompetenza tal-UE.

III. IL-LIĊENZJA TAR-RIĊIKLAĠĠ TAL-BASTIMENTI

L-istudju tal-2016 jidentifika possibbiltà ġdida – il-Liċenzja tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti. Il-Liċenzja hija sforz biex jingħaqdu l-vantaġġi tal-possibbiltajiet skartati, filwaqt li jingħelbu l-iżvantaġġi tagħhom. Il-prinċipji ewlenin tagħha huma:

1. Bastimenti li jidħlu f'portijiet tal-UE jkunu jistgħu jiksbu liċenzja minn qabel minn aġenzija ċentralizzata (eż. aġenzija Ewropea eżistenti). Il-liċenzja tkun strument tal-liġi amministrattiva ta' natura pubblika;
2. Meta japplikaw għal-Liċenzja, is-sidien tal-bastimenti ikollhom iħallsu kontribuzzjoni. Il-kontribuzzjoni tkun tkopri retribuzzjoni amministrattiva żgħira (0,8 %) u primjum allokat għal bastiment individwali (99,2 %);
3. Il-primjum impost ikun jiddependi fuq l-ammont ta' kapital li jeħtieġ li jiġi akkumulat biex ikopri d-distakk finanzjarju bejn iż-żarmar f'tarzna ta' standard baxx u ż-żarmar f'tarzna inkluża fil-Lista Ewropea fi tmiem il-ħajja tal-bastiment. Il-primjum ikun jiddependi wkoll fuq iż-żmien meħtieġ biex jiġi akkumulat il-kapital;
4. L-ammont tal-kapital sħiħ ikun imħallas lis-sid finali ta' bastiment bil-kundizzjoni li l-bastiment ikun intbagħat f'faċilità tar-riċiklaġġ tal-bastimenti fil-Lista Ewropea;
5. Il-penali għar-riċiklaġġ f'faċilità mhux inkluża fil-Lista Ewropea tkun ta' konfiska tad-drittijiet dovuti;
6. Sabiex tiġi evitata sistema li taħdem sproporzjonatament kontra l-bastimenti bi frekwenza għolja ħafna jew baxxa ħafna ta' waqfiet fil-port, il-validità tal-Liċenzji tkun ibbażata fuq perjodu ta' żmien aktar milli fuq in-numru ta' waqfiet (pereżempju liċenzja ta' xahar tkun orħos mil-liċenzja annwali, iżda tipprovdi anqas drittijiet għal pagament fi tmiem il-ħajja). Jistgħu jiġu previsti kriterji rfinuti, pereżempju li jibbenefikaw bastimenti ddisinjati għar-riċiklaġġ iktar faċli.

L-istudju jidentifika xi impatti potenzjali[17] tal-istabbiliment ta' Liċenzja tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti u jiddeskrivi kunsiderazzjonijiet għall-implimentazzjoni[18] inkluż ir-rwol ta' Aġenzija Ewropea (ġdida jew eżistenti), l-użu ta' fondi mitlufa u skema sempliċi għal bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz.

[17] Ara t-taqsima 4 ta' Ecorys, DNV-GL Erasmus School of Law, Ġunju 2016 (matriċi ta' impatti skont il-kost tal-Liċenzja tinsab fil-paġna 83).
[18] Ara t-taqsima 5.2 ta' Ecorys, DNV-GL, Erasmus School of Law, Ġunju 2016.

IV. IR-REAZZJONIJIET MILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u għadd ta' assoċjazzjonijiet ta' partijiet ikkonċernati esprimew pożizzjoni dwar il-Liċenzja tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti.

Il-KESE adotta opinjoni dwar il-kwistjoni fid-19 ta' Ottubru 2016[19]. L-opinjoni ssejjaħ il-Liċenzja tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti bħala "mekkaniżmu finanzjarju progressiv u infurzabbli" u tistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tistabbilixxiha. L-NGO Shipbreaking Platform – organizzazzjoni li tiġbor fiha bosta NGOs involuti fir-riċiklaġġ tal-bastimenti –, il-konfederazzjoni tat-trejdunjins IndustriAll u SEA EUROPE (Shipyards and Maritime Equipment Association), fl-20 ta' Ottubru 2016 ħarġu dikjarazzjoni konġunta li tappoġġa l-konklużjonijiet tal-opinjoni tal-KESE.

L-ESPO, l-assoċjazzjoni tal-portijiet Ewropej, irtirat l-oppożizzjoni tagħha għall-inċentiv finanzjarju fl-2015, billi qieset li dan jevita l-iżvantaġġ prinċipali ta' kunċett preċedenti fejn il-portijiet ikollhom jiġbru l-kontribuzzjonijiet.

F'Lulju 2016 il-Komunità Ewropea tal-Organizzazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti (ECSA), l-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Asja (ASA) u l-Awla Internazzjonali tat-Tbaħħir (ICS - International Chamber of Shipping) irreaġixxew għall-pubblikazzjoni tal-istudju. Il-pożizzjoni tagħhom hija li l-Liċenzja tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti tfixkel l-isforzi għar-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Ħong Kong. Opinjoni legali kkummissjonata mill-organizzazzjonijiet tas-sidien tal-bastimenti tkompli tiddeskrivi l-Liċenzja tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti bħala "miżura fiskali primarja", tissuġġerixxi li l-UE ma jkollhiex il-kompetenza li tamministra skema ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-UE u tinferixxi inkompatibilità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u mal-Prinċipju ta' Responsabbiltajiet Komuni iżda Differenzjati. Għandu jiġi nnutat li ħafna minn dawn il-punti kienu indirizzati fl-istudju tal-2016 ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea[20].

B'kuntrast ma' dan, l-NGO Shipbreaking Platform ippubblikaw dokument tal-pożizzjoni tagħhom f'Ottubru 2016[21] li jappoġġja l-argumenti legali tal-istudju tal-2016. L-analiżi tisħaq li l-Liċenzja tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti ma tikkawżax "xkiel għall-kummerċ" kif beżgħu l-organizzazzjonijiet tas-sidien tal-bastimenti bħala l-argument ewlieni għall-inkompatibilità mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kemm jekk huwa kummerċ tal-prodotti,

[19] Opinjoni tal-KESE: Shipbreaking and the recycling society, EESC-2016-00456. Adozzjoni: 202 favur, 2 kontra, 3 astensjonijiet. http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.ccmi-opinions.38327

[20] L-Annessi B ("Konformità mad-WTO") u C ("Extra-territorjalità u l-SRL") tal-istudju tal-2016 jissottolinjaw li (a) huwa ċar li hemm każ legali li l-Liċenzja tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti ma tiġix identifikata bħala "miżura fiskali", (b) li l-UE tkun taġixxi fl-ambitu tal-kompetenza tagħha, (c) li l-Liċenzja tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti preċiżament tevita d-diskriminazzjoni kontra bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi u (d) li l-ġurisprudenza tindika probabbiltà qawwija ta' kompatibilità mar-regoli tad-WTO.

[21] NGO Shipbreaking Platform, *Make the Polluter pay! Why we need the EU Ship Recycling Licence*, http://www.shipbreakingplatform.org/shipbrea_wp2011/wp-content/uploads/2016/10/Position-Paper-FINANCIAL-INCENTIVE-Final-Version.pdf

kummerċ f'bastimenti jew kummerċ tal-azzar fi tmiem il-ħajja. L-analiżi tinnota wkoll li r-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti jikkostitwixxi komplement ta' azzjoni għall-Konvenzjoni ta' Ħong Kong, kif awtorizzat fil-HKC infisha u kif ġeneralment mħeġġa skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), fejn l-organizzazzjonijiet tas-sidien tal-bastimenti għandhom tendenza li jaraw kunflitt ta' sistemi legali.

V. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tagħraf il-merti potenzjali ta' liċenzja potenzjali tar-riċiklaġġ tal-bastimenti, li tirrappreżenta l-iktar possibbiltà promettenti eżaminata s'issa. Madankollu, il-Kummissjoni hija konxja li għad hemm għadd ta' kwistjonijiet li jistħoqqilhom aktar analiżi, inkluż fir-rigward tal-kompatibilità ta' tali strument finanzjarju potenzjali mal-liġi internazzjonali u tal-UE.

Skont l-approċċ gradwali deskritt għall-ewwel darba fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2008 u fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-2012 u rifless fit-test finali tar-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti, il-ħtieġa għal miżuri addizzjonali dwar inċentivi finanzjarji se tiġi vvalutata mill-ġdid fi stadju aktar tard, fuq il-bażi ta' analiżi dwar l-użu u l-effetti tal-Lista Ewropea tal-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-bastimenti.